L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Publikazzjoni : 24 ta' Settembru 2004

# Underbelly

Fl-1 ta' Mejju li ghadda Malta nistghu nghidu li hadet hafna titli godda. Ghal xi Nazzjonalist 'hade posta fuq il-mappa tad-dinja' ghal xi hadd li jilghabha tal-imparzjali 'saret membru shih fl-Unjoni Ewropea' u ghal xi hadd li jrid jikkritika jista' wkoll jghid li tilfet 'in-newtralita' u l-indipendenza u l-helsien kollu taghha li taghhom ghalqet l-anniversarju din is-sena. Ghalija saret ukoll it-titlu ta' l-underbelly ta' l-underbelly' ta' l-Unjoni.

**Minn taht**

Fl-Unjoni, il-pajjizi li qeghdin fin-naha ta' taht tal-kontinent dejjem kienu minn taht. Fil-fatt, pajjizi bhal Spanja, l-Italja, il-Grecja u anke Malta mill-bidunett dejjem iggieldu biex jigu ttrattati ta' fqar u fil-bzonn! Dejjem ikkompetew ghall-ewwel post fir-rata tal-qghad u tad-dejn nazzjonali. Izda forsi tal-Mediterran m'humiex qed imorru minn taht biss meta mqabbla fl-istatistici ma' pajjizi iktar Nordici.

**Regoli dwar klandestini**

Dak li hareg fl-ahbarijiet din il-gimgha zgur li kien doxxa ghal min ghandu naqra melh go mohhu! Ir-regolament kien hemm. Konna biss qed ninsewh. L-ewwel art li jkollhom kuntatt maghha l-klandestini ghandha tkun l-art li tilqaghhom! Difficli tifhem kif klandestini gejjin bid-dghajsa mill-Afrika jistghu xi darba jaghmlu l-ewwel kuntatt ma l-Isvezja ujew id-Danmarka.

**Malta iktar attraenti**

Minn mindu sirna parti mill-Unjoni Ewropea zgur li zirna aktar attraenti ghal persuni Afrikani li jixtieqU jaharbu mill-pajjizi taghhom. Bhal ma jahsbu hafna Maltin li l-Unjoni hija genna ta' l-art (ghax hekk naraw fuq il-mezzi tax-xandir) hekk ukoll jahsbu hafna minn dawn il-klandestini. Malta qabel zgur li kienet tigi evitata ghax ma kenitx tfisser status ta' refugjat gewwa l-Unjoni Ewropea. Izda issa, mis-shubija 'l hawn, iskba ta' statu sta' refugjat f'Malta jfisser triq miftuha ghall-pajjizi kollha ta' l-Unjoni. U dan mhux ahna biss nafuh!

**Valutazzjoni finanzjarja**

Is-shubija taghna fil-wicc setghet dehret li hi ammeljorament ta' l-istatus. Izda dan dejjem inhallsu qares ghalih bil-piz dejjem jikber fuq l-ekonomija taghna fuq finanzjar ta' klandestini. Min jaf f'termini finanzjarji kemm qed inhallsu biex nospitaw klandestini li gew Malta ghax sirna membri fl-Unjoni u li forsti kieku mhux kienu jmorru Sqallija minflok? U min jaf kemm se nhallsu ghal klandestini li jghaddu minn hdejn Malta u jiskappaw ghall-Italja u b'applikazzjoni tar-regoli Ewropej jergghu jintbaghtu Malta?

Nimmagina xi dixxiplu ta' xi Gonzi li jahseb li hu gharef jghid li mhux l-istatus taghna bhala membri qed jattira aktar klandestini li litteralment splodew fi zmien sitt xhur / sena. Izda lil dak nghidlu li ghandu dritt jghid li jrid bhal ma jien Ghandi dritt nghid li rrid. Wara kollox hu ghandu dritt ma jaghtix kasi bhalma jien Ghandi dritt ma naghtix kasu., Il-fatti juru li min mindu sirna membri, il-piz tar-refugjat f'pajjizna sar ferm ikbar.

Min-naha l-ohra l-fatti ma jurux li l-Unjoni qed tikkontribwixxi b'mod proporzjonali, fiz-zieda ta' ghajnuna finanzjarja li taghti lil Malta biex tbatti din il-problema. Veru li hafna drabi l-problema tkun gejja mill-Gvern Malti stess li l-ghajnuna qajla jkun jaf jitlob ghaliha skond il-procedura u z-zmien stipulate fl-Unjoni.

Il-prezenza dejjem tikber ta' klandestini tirrikjedi wkoll prezenza dejjem tikber ta' forzi tas-sigurata'. Izda dan lanqas m'ahna qed narawh. Wiehed m'ghandu qatt jinsa li f'terminu ta' sigurta' qatt m'huwa tajjeb li n-numru ta' klandestini jkunu ikbar min-numru ta'suldati fil-pajjiz. Dan mhux ghax il-kwistjoni hija biss ta' numri, izda fil-fatt in-nuqqas ta' nies u ta' vetturi ecc. huwa l-ikbar kagun ghax il-klandestini dehlin go pajjizna bhax-xita.

**La separazione fa la forza?**
Opeaturi fil-kummerc ta' klandestini gewwa pajjizi fl-Afrika ta' Fuq kif ukoll shabhom Maltin (m'ghandniex xi nghidu), u ohrajn Ewropej indunaw li jekk iferrxu l-klandestini taghhom fuq bcejjec tal-bahar zghar ma' l-erbat irjieh ikun iktar difícil ghall-Forzi Armati Maltin jintercettawhom.

L-ewwelnett minaba c-cokon tad-dghajsa u t-tieni minhabba li wiehed irid iktar hin biex jalloka u t-tielet minhabba l-fatti li jekk fl-istess hin ghandek tliet dghajjes fl-ibhra Maltin trid tliet ekwipaggi biex tlahhaq maghhom.

Ladraba l-operaturi skoprew li dak kien il-punt id-dghajjef ta' l-armata Maltija jew anke dik Taljana ta' Lampedusa u lijekk tattakka b'dan il-mod iktar tirnexxi – zgur li dan se jibqa' jigri.

**Forzi Armati Maltin jaghmluna iktar attraenti**
Ma jistax wiehed ma jsemmix li iktar ma l-Forzi Armati Maltin jidhru li huma taht pressjoni iktar se nsiru attraenti bhala destinazzjoni Ewropea. Kulhadd jigih f'mohhu jattakka fejn hemm dghajjef – l-underbelly ta' l-Unjoni u mhux fejn hemm sod. Dawn m'humiex xi regoli tal-boxing!

**X'l-iktar turisti jew klandestini?**
Erbat ijiem ohra fil-bulettini ta' l-ahbarijiet se nibdew nisimghu li matul is-sena dahlu iktar klandestini milli turisti. Diga smajt appell lil-lukandi Maltin biex jekk ghandhom xi kmamar vojta (li zgur ghandhom) joffru akkomodazzjoni ghal familji Russi u Beslan jew minn regjuni ohra.

Logikament u serjament nistenna li l-lukandi Maltin ix-xitwa li gejja jigu mixtrija / mikrija / mislufa jew b'xi mod iehor mghoddija lill-gvern biex isiru postijiet ta' abitazzjoni ghall-klandestini! Jew inkella xi klandestini jispiccaw jithalltu ma' xi turisti fl-istess lukandi!

Wara kollox huma l-lukandi li qed ikollhom iktar kemm jghaddi zmien kmamar vojta u flok joqoghdu jfarfruhom ghalxejn almenu jew jaghmlu karita' jew jaghtihom xi haga l-gvern.

Nispera li dak li qed inbassar li se jigri llum mhux diga qieghed miktub f'xi kexxun u ma jafx bih il-pubbliku. Ma jmorrux jinsterqu xi dokumenti minn Kastilja u nehel jien!

Dak l-uniku futur immedjat li nara jien f'danil-qasam u l-iktar soluzzjoni plawzibbli li qatt jista' johrog biha gvern b'intelligenza limitata bhal dik Nazzjonalista! Jew hekk jew nergghu naraw xi barracks tas-suldati jittiehdu ghal din il-ghan!